**Reġjun Għawdex**

Laqgħa Nru. R12/11

**Minuti tat-tnax il-laqgħa li saret nhar il-Erbgħa 05 t'Ottubru 2011.**

Il-Kumitat Reġjonali Itaqa' fit-3.00 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Preżenti; Dott. Samuel Azzopardi (President); membri Salvu Borġ, Frans Cauchi, Joseph Sultana, Carmelo Saliba, Philip Vella, Miriam Portelli, Noel Formosa, Joe Grima, Paul Buttigieg, Dott. Monica Vella, Dott. Christian Zammit (membru sostitut) u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv). Bil-permess tal-membri kien hemm preżenti wkoll is-Sur David Soler (Ufiċċjal Awtorizzat).

Peress illi l-minuti inbgħatu b'email, ġew mgħoddija bħala moqrija. Ma kienx hemm punti mill-minuti.

1. <u>**Korrispondenza**</u>

1.1 Mingħand Maurice Caruana (Chairman LES Committee) jinforma dwar l-ordni msemmija fl-avviż legali numru 347 tal-201 fejn effetivament jitrasferixxi d-delega tal-Infurzar Lokali mill-Kunsilli Lokali lill-Kumitati Reġjonali.

1.2 Mingħand Margaret Magrin rappreżentant tal-GWU fejn talab lill-Kumitat Reġjonali jimxi skont ir-rekwiżiti tal-*collective agreement* iffirmat bejn l-istess union u l-aġenziji tal-infurzar lokali. Il-Kumitat Reġjonali stqarr illi waqt li r-Reġjun m'għandu xejn kontra dawn ir-rekwiżiti, il-*collective agreement* ġie iffirmat bejn *trade union* u aġenzija u għalhekk ir-Reġjun qatt ma kien parti minn dawn in-negozjati. Is-Sur David Soler stqarr illi l-gwardjani diġa' qed jaħdmu fil-parametri msemmija fil-*collective agreement.*

1.3 Mingħand Marurice Caruana (Chairman LES Committee) iħeġġeġ lir-Reġjuni sabiex jiffinalizzaw il-proċess kuntratwali dwar il-Provvediment tal-Infurzar lokali.

1.4 Memo 93/2011 *Administration Fee* għall-Ħlas ta' Multi fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsilli Lokali.

1.5 Mingħand Fr Charles Sultana – Segretarju tal-Isqof Djoċesan jinforma illi fl-assenza tiegħu, Mons Salv Debrincat għandu jmexxi l-Quddiesa ta' Jum Għawdex.

1.6 Mingħand Dr Frankie Abela Kap tal-Iskola Sekondarja Rabat Għawdex fejn talab l-assistenza sabiex 30 student u 5 għalliema jagħmlu *familiarisation visit* fl-Istuzzjonijiet Ewropej fi Brussel.

1.7 Maria Lourdes Farruġia (omm) bi proposta sabiex tinbeda xi forma ta' trasport għall u mill-iskejjel tal-knejjes sekondarji tal-Knisja f'Għawdex.

1.8 Mingħand l-Onor. Chis Said, Segretarju Parlementari b'risposta għar-rikjesta tar-Reġjun sabiex jiddaħħal fil-*budget 2012.* Is-Segretarju Parlamentari nforma illi għalissa d-dħul finanzjarju tar-Reġjun huwa mis-sistema tal-infurzar Lokali.

1.9 Mingħand ic-Circolo Gozitano dwar il-proposta ta' bandiera t' Għawdex.

1.10 Mingħand Silvio Frendo (Għad-Direttur Gvern Lokali) dwar l-istruzzjonijiet illi ngħataw fil-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said fejn fosthom hemm it-talba tar-Reġjun lill-kumitati konġunti fuq self ta' flus.

2. **Finanzi tar-Reġjun Għawdex**

2.1 B'referenza għall-korrispondenza numru 1.10 il-President stqarr illi jidher ċar li għas-sena d-dieħla mhux ser ikun hemm l-ebda allokazzjoni mill-finanzi tal-gvern ċentrali lir-Reġjun. Peress illi mill-1 ta' Settembru daħlet fis-seħħ id-delega tal-infurzar lokali f'idejn ir-reġjuni, id-dħul finanzjarju għalissa żgur li ser ikun miċ-ċitazzjonijiet. Is-segretarju ta rapport qasir tal-laqgħa illi saret bejn il-Presidenti flimkien mas-segretarji tar-reġjuni u l-Onor Chris Said Segretaru Parlamentari fejn ġie diskuss fost l-oħrajn il-finanzjamenti tar-Reġjun. Wara diskussjoni il-membri tar-Reġjun qablu illi fuq struzzjonijiet tad-diparment ir-Reġjun għandu jikteb lill-kumitat konġunt sabiex jgħaddi b'self l-ammont ta' € 24,000 lill-Kumitat Reġjonali. Il-Kumitat Konġunt għandu jiddeċiedi jekk dan is-self għandhux isir.

2.2 Is-segretarju stqarr ukoll illi min din is-sena l-*accounts* tar-Reġjun ser jiġu awditjati bl-istess mod kif jiġu awditjati l-kunsilli lokali. B'hekk jeħtieġ illi tinħareġ offerta għall-accountant sabiex il-finanzi tar-Reġjun jinżammu b'mod professjonali. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

3. **Offerta dwar il-Proveddiment tal-Infurzar Lokali**

3.1 Is-segretarju ta rapport dwar il-laqgħa illi saret bejn membri mill-Kumitat Reġjonali u s-Sur De Martino bħala rappreżentant tal-*Guard and Warden Services House Services Ltd*. F'din il-laqgħa ntalab illi l-uffiċju attwali tal-wardens li hawn f'Għawdex jingħalaq bil-għan illi jonqsu l-ispejjeż u peress illi fid-dokument tal-offerta dan l-uffiċju ma kienx rikjest. Fid-dawl tal-laqgħa illi l-Presidenti u s-Segretarji tar-Reġjuni kellhom ma l-Onor Chris Said u wara diskussjoni illi saret waqt il-laqgħa ġie deċiż illi għalissa ir-Reġjun m'għandhux jiffirma l-kuntratt. Waqt il-laqgħa kulħadd qabel illi r-Reġjun irid jara illi is-sistema hija vijabli. Is-segretarju qal illi minn kull ċitazzjoni illi tingħata ġewwa Għawdex u titħallas ġewwa l-Kunsilli, 10% trid tmur bħala miżata amministrattiva lill-kunsill fejn tkun tħallset iċ-ċitazzjoni. Dan ser inaqqas madwar 10% mid-dħul taċ-ċitazzjonijiet.

4. **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

4.1 Il-pagamenti ġew approvati skont l-iskeda kif annessa ma' dawn il-minuti.

5. **Materji Oħra**

5.1 Il-President stqarr illi l-ħsieb tal-uffiċju tar-Reġjun temporanju ġewwa Uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill tar-Rabat twalet aktar milli kien maħsub. Waqt illi stqarr illi m'għandhux oġġezzjoni illi l-uffiċċju tar-reġjun iżomm l-uffiċċju temporanju sakemm ikollu wieħed fiss stqarr illi hemm xi spejjeż illi bħalissa qed jagħmel tajjeb għalihom il-kunsill tar-rabat. Huwa ssuġerixxa illi l-linja tat-telefon li tintuża mir-Reġjun t' Għawdex għandha tiġi koperta bħala parti milll-ispejjeż tar-Reġjun. Kulħadd qabel ma din il-proposta. Barra minnhekk tqajjem il-punt illi ssir t-talba lis-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said u lid-direttur Gvern Lokali sabiex jinstab post alternattiv u aktar parmanenti għall-uffiċju temporanju.

5.2 Il-President ta rapport dwar il-laqgħa ġenerali annwali tal-European Regions for Youth illi saret ġewwa Poznan fil-Polonja. Huwa stqarr illi għalkemm id-delegazzjoni

li kienet tinkludi żgħażagħ għawdxin ipparteċipat b'mod sħiħ, kien hemm xi problemi mal-organizaturi pollakki. Huwa nforma wkoll illi l-laqgħa ġenerali annwali li jmiss is-sena d-dieħla għandha ssir ġewwa Għawdex u li jekk ir-Reġjun jaħdem bil-għaqal isib il-fondi meħtieġa sabiex ikopri finanzjarjament din l-attivita'.

5.3 Is-segretarju ta rapport dwar l-aħħar preparamenti sabiex jiġi organizzat Jum Għawdex. Dwar is-servizz tal-banda, huwa nforma illi wara saret il-polza, fejn kull membru kien mistieden jattendi, telgħu dawn il-baned b'din is-sekwenza.

- Banda Viżitazzjoni
- Banda San Girgor
- Banda La Stella

5.4 Wara illi sar kuntatt m'uffiċjal tal-Banda Viżitazzjoni dawn aċċettaw illi jagħmlu dan is-servizz. Flimkien mal-Banda Viżitazzjoni ser jimmarċjaw il-Victoria u x-Xagħra Scout Group illi ser jġorru l-istandardi kull-lokalita'. Kull Kunsill lokali għandu jipprovdi l-istandard tal-lokalita' tiegħu. Barra minnhekk ġie deċiż ukoll illi peress li ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa ser issir il-Katidral għal din is-sena janima l-quddiesa bil-kant il-Chorus Ecclesiae Cathedralis. Wara l-quddiesa u wara t-tqegħid tal-fjuri mal-monument ser issir riċeviment żgħir.

5.5 Dwar il-żjara illi l-membri tar-Reġjun u xi kunsilliera ser jagħmlu ġewwa Brussel bejn 20-23 ta' Novembru, is-segretarju informa illi ġab tlett kwotazzjonijiet għall-akkomodazzjoni mingħand Sheraton hotel, Hotel des Colonies u Ibis Hotel off Gran Place. Intgħażlet l-Ibis Hotel off Gran Place peress illi kienet toffri l-aħjar pakkett. Ġie deċiż illi l-kunsilli lokali jridu jgħaddu l-flus tal-ajru u l-akkomodazzjoni lir-Reġjun sabiex ikopru l-ispejjeż ta' dawk illi ser jmorru Brussell. Is-segretarju nforma illi din iż-żjara hija sussidjata mill-Parlament Ewropew u parti minn dawn l-ispejjeż ser jingħataw lura lill-kunsilli lokali.

5.6 Peress illi ma kienx hemm aktar materji x'jiġi diskussi l-laqgħa spiċċat fil-5.00 pm.

.

Samuel Azzopardi
President
Reġjun Għawdex

Ian Paul Bajada
Segretarju Eżekuttiv